**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA, 2 TA' NOVEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 1024/01 AJD*

John Lentini ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Rosaria Maria Stafrace sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Roasria Maria Stafrace

vs

Clive Bonavia

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Settembru, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u wiehed u hamsin liri Maltin u tnejn u sebghin centezmi (Lm1151.72), rappresentanti danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-incident awtomobilistiku tal-14 ta' Novembru, 2000, fi Triq Mimosa, Pieta', bejn il-vettura numru CAD 967 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru ONE 549 misjuqa minn u propjeta' tal-assikurata Rosaria Maria Stafrace, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
Bl-ispejjes inkluzi sitt liri Maltin (Lm6.00) tal-konsult kontra l-konvenut u bl-imghaxijiet, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' John Lentini, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici u esibixxa d-dokumenti kollha li jirrigwardaw l-incident awtomobilistiku li jifforma l-mertu tal-kawza u l-ircevuti relattivi ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici bhala konsegwenza ta' dan l-incident.  Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u wiehed u hamsin liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1151.72), bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR